MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 426/2012

**A B**

**Vs**

**Avukat Dr Martin Fenech u il-PL Nadine Farrugia b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D (ID P M 20162565 Chinese (Taiwan Passport))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewgu fis-17 ta' Jannar 2004, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg enumerat MR 2145/2003, hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument A' ;
2. Illi a tenur ta' l-Artiklu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-mizzewgin ma firdux minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ;

3. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur, anke' minhabba l-fatt l-intimata ma baqatx tidher f'Malta u m'hemm l-ebda ahbar taghha ;
4. Illi l-partijiet m'ghandhomx wild ;

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex skond dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni :

(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh fis-17 ta' Jannar 2004 bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi (Art. 66A (1), Kap. 16);
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien hekk prefiss minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art. 66A(4), Kap. 16);

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Jannar, 2013;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha iddikjaraw illi mhumiex edotti mill-fatti u irrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu illi huwa issepara minn mal-mara tieghu fis-sena 2006. Huwa xehed illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi huwa mhuwiex obbligat ihallas lill-mara tieghu manteniment;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi irnexxielu jipprova illi l-partijiet ilhom separati

mis-sena 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruva ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------